**Deċiżjoni mogħtija mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-seduta 357 tat-18 ta' Ġunju 2025 dwar l-ammissibilità ta' mozzjoni ta' proċedura li tirregola Abbozzi ta' Liġi li jkun fihom klawsoli li jirrikjedu maġġoranzi differenti skont il-Kostituzzjoni ta' Malta**

Fil-laqgħa tal-House Business Committee tat-Tnejn, 16 ta' Ġunju 2025, waqt li kienet qed tiġi diskussa l-Mozzjoni ta' Proċedura li ġiet ippreżentata fil-Parlament ftit tal-ġranet ilu, fejn qed tiġi diskussa l-proċedura li għandha tiġi segwita wara li ġiet intavolata din il-Mozzjoni ta' Proċedura, u wara li s-Sedja semgħet din id-diskussjoni u hija mhux biss ipparteċipat imma segwiet l-argumenti kollha li ġew intavolati favur jew kontra din l-istess Mozzjoni ta' Proċedura, fit-tmiem tal-laqgħa tal-House Business Committee l-Onor. Robert Cutajar talab lis-Sedja ruling, liema ruling ġie mfisser b'dettall u finalment brevement mill-Onor. Karol Aquilina fejn qal li r-ruling qed jintalab peress li l-istess Mozzjoni ta' Proċedura tmur:

> "**ONOR. KAROL AQUILINA:** Kontra l-Kostituzzjoni, kontra l-iStanding Orders, kontra dak li jistabbilixxi wkoll l-Erskine May u konsegwentement allura hija inammissibbli."

Is-Sedja rat it-traskrizzjoni kollha, inkluż dak li qalu l-Onor. Karol Aquilina, l-Onor. Jonathan Attard, l-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici, l-Onor. Naomi Cachia u l-Onor. Byron Camilleri, li pparteċipaw f'din id-diskussjoni dwar din il-Mozzjoni ta' Proċedura. Is-Sedja ħadet ukoll il-pariri legali meħtieġa fil-konfront ta' dak li ntqal u fil-konfront ta' diversi punti mqajma waqt din id-diskussjoni, u anke rat l-istess sentenzi mill-Qorti Kostituzzjonali, inkluż dik ċitata mill-Onor. Karol Aquilina fil-kawża Onorevoli Dom Mintoff vs l-Onorevoli Dottor Giorgio Borg Olivier bħala Prim Ministru ta' Malta, u b'nota ta' 20 Ottubru 1970, assuma l-atti l-Onorevoli Giovanni Felice, Aġent Prim Ministru ta' Malta, fl-assenza mill-gżejjer tal-Onorevoli Giorgio Borg Olivier, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali tal-Majestà tagħha r-Reġina fil-5 ta' Novembru 1970, fejn f'din is-sentenza l-Qorti għamlitha ċara illi:

> "Il-Qorti tirrikonoxxi illi l-poter mogħti lill-Kamra bl-imsemmi artikolu 68(1) [tal-Kostituzzjoni] hu poter ampju għal dak li jirrigwarda l-proċedura tagħha. Tirrikonoxxi wkoll l-importanza illi, mhux biss il-membri individwalment iżda anke l-Kamra kollettivament għandu jkollhom drittijiet u prerogattivi li mingħajrhom il-Kamra ma tistax iżżomm l-indipendenza tal-azzjoni tagħha, jew id-dinjità tal-pożizzjoni tagħha, u l-Membri ma jistgħux jaqdu l-funzjonijiet tagħhom. Għad illi fl-Ingilterra l-privileġġi tal-Parlament kellhom l-oriġini tagħhom fl-isforzi tal-Parlament biex jipproteġi l-libertajiet tiegħu kontra l-Kuruna, dawk il-privileġġi huma fil-fatt kondizzjoni neċessarja ta' kull leġiżlatura libera biex tista' taqdi effikaċament il-funzjonijiet tagħha fl-isem tan-nazzjon."

Fil-fatt, f'din is-sentenza l-Qorti ċċitat ukoll lil Sir Ivor Jennings u tgħid li kif osserva l-istess Jennings:

> "wieħed mill-iskopijiet tar-regoli tal-Parlament huwa l-ekonomija taż-żmien u l-kondotta dixxiplinata tal-proċedura li jwasslu għad-determinazzjoni tal-volontà tal-maġġoranza fil-Kamra dwar il-kwestjonijiet li jkollha quddiema."

Saħansitra fl-istess sentenza msemmija, il-Qorti stess qalet hekk:

"il-proċeduri tad-diversi stadji parlamentari tal-Att "de quo" u li din il-konvalidazzjoni teżawtorizza lill-Qorti milli tieħu konjizzjoni tal-każ, billi anke għal dan il-motiv m'għandhiex ġurisdizzjoni."

Joħroġ ċar minn din is-sentenza li l-Qorti Kostituzzjonali ma għandhiex ġurisdizzjoni qwantu għat-tieni t-tielet kawżali indikati f'din il-kawża, u dan peress "vjolazzjoni ta' xi dispożizzjoni mposta mill-Kostituzzjoni stess, għal proċediment parlamentari hija responsabbli u għandha ġurisdizzjoni biss il-Kamra tad-Deputati preseduta minn Mr Speaker" [1]

Kif ukoll jingħad illum ukoll fil-paragrafu (1) tal-artikolu 67 tal-Kostituzzjoni, "il-Kamra tad-Deputati tista' tirregola l-proċedura tagħha stess". Għalhekk, il-mozzjoni mressqa mid-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu, l-Onor. Ian Borg, hija Mozzjoni ta' Proċedura li hija skont il-Kostituzzjoni kif ġa indikat u ċertament tista' titressaq. Tant hu hekk illi anke l-Erskine May, f'paġna 339 jagħmilha ċara illi fir-rigward ta' 'Government motions':

"changes in the procedure of the House are generally brought about through the passing of appropriate orders or resolutions moved by the Government."

Illi anke mill-istess qari tal-mozzjoni, il-premessi qegħdin ċari illi:

"Din il-Kamra:

- TQIS illi huwa meħtieġ li l-metodi tax-xogħol tagħha għandhom jindirizzaw u jipprovdu dwar il-proċedura li għandha tkun adoperata meta l-Kamra jkollha quddiemha għall-vot fl-istadju tat-Tielet Qari, Abbozz ta' Liġi li jkun jinkludi fih diversi klawżoli, li waħda jew uħud minnhom tkun tbiddel xi artikolu tal-Kostituzzjoni inkluż fl-artikolu 66(2) tal-Kostituzzjoni u li għalhekk biex tiġi jew jiġu mgħoddija mill-Kamra tad-Deputati, fil-votazzjoni finali dwar dik l-emenda jkunu jinħtieġu l-voti favur ta' mhux anqas minn żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kamra, u fl-istess Abbozz ikun hemm ukoll klawżola jew klawżoli oħra li biex tiġi jew jiġu mgħoddija mill-Kamra tad-Deputati, fil-votazzjoni finali jkunu jinħtieġu jew il-voti ta' maġġoranza tal-Membri kollha tal-Kamra hekk kif provdut fl-artikolu 66(5) tal-Kostituzzjoni jew klawżola jew klawżoli oħra fl-istess abbozz, li biex tiġi jew jiġu mgħoddija mill-Kamra tad-Deputati tkun tinħtieġ jew ikunu jinħtieġu l-voti favur ta' maġġoranza tal-voti tal-membri tagħha preżenti u li jivvotaw, hekk kif provdut fl-artikolu 71 tal-Kostituzzjoni;
- TINNOTA li l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra huma sprovisti minn proċedura tal-Kamra li tipprovdi għal tali abbozzi ta' żviluppi kostituzzjonali li jinkludu diversi klawżoli li jirrikjedu kwalifiki ta' maġġoranzi differenti ta' voti tal-membri tal-Kamra kif fuq spjegat;
- GĦALDAQSTANT, sakemm l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra ma jipprovdux għal dan u/jew sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor mill-Kamra, għandha tidħol fis-seħħ din il-mozzjoni ta' proċedura fis-sitwazzjonijiet fuq imsemmija."

Għalhekk, din hija sitwazzjoni fejn il-proċedura li għandha tiġi segwita permezz ta' din il-mozzjoni, hija proċedura illi peress illi l-istess Ordnijiet Permanenti tal-Kamra huma kompletament silenzjużi għall-każ in eżami, allura din il-mozzjoni hija Mozzjoni ta' Proċedura skont l-istess artikolu 67(1) tal-Kostituzzjoni, il-Parlament jista' jirregola lilu nnifsu b'din il-proċedura.

[1] Parir legali mogħti lis-Sedja konsegwenza ta' dan ir-Ruling

Is-Sedja tagħmel referenza wkoll għall-Ordni Permanenti 197 li jgħid:

> "197. Fil-każijiet kollha li mhumiex regolati b'dawn l-Ordnijiet Permanenti, wieħed għandu jirrikorri għar-regoli, modi, użanzi u drawwiet tal-House of Commons tal-Parlament tar-Renju Unit, li għandhom jiġu segwiti sa fejn jistgħu jiġu applikati għall-proċeduri tal-Kamra b'konsiderazzjoni xierqa għan-natura speċjali tal-Kostituzzjoni."

Ċertament is-Sedja ma tistax tagħmel referenza għal dak li huwa applikabbli fil-Parlament Ingliż f'dak li għandu x'jaqsam ma' din it-tip ta' proċedura *stante* illi hawnhekk qed nitkellmu fuq voti kif indikati ċari fil-Kostituzzjoni miktuba ta' Malta, kif, indikati u spjegati fl-istess mozzjoni msemmija. Tant hu hekk illi fis-sentenza 'Carmel Demicoli vs l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati, l-Onorevoli Prim Ministru u l-Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Tal-Parlament, fil-kwalità tagħhom premessa u in rappresenta tal-istess Kamra tad-Deputati', sentenza tat-13 ta' Ottubru 1986, il-Qorti kienet ukoll irrimarkat "illi l-istudjużi tal-Kostituzzjoni Ingliżi jistagħġbu bil-fatt li filwaqt li fit-teorija l-Parlament Ingliż jista' jibdel il-Kostituzzjoni mhux miktuba b'maġġoranza sempliċi ta' siġġu wieħed", żgur, din il-proċedura qatt ma tista' tiġi segwita fil-każ tal-proċedura Kostituzzjonali ta' pajjiżna.

Dan ifisser illi hawnhekk qed nitkellmu fuq proċedura partikolari u fejn l-istess Standing Order 197 jagħti lok għal regoli, modi, użanzi u drawwiet tal-House of Commons tar-Renju Unit, li għandhom jiġu segwiti "sa fejn jista' jiġu applikati għal proċeduri tal-Kamra konsiderazzjoni xierqa għan-natura speċjali tal-Kostituzzjoni". Ċertament din it-tip ta' proċedura li hija intrinsikament marbuta skont l-artikolu 66 tal-Kostituzzjoni hija waħda partikolarissima fil-Kostituzzjoni tagħna, kif ben ċitata f'din il-mozzjoni ta' proċedura. Tant hu hekk li l-istess artikolu 66, is-subartikolu (1) tiegħu jgħid:

> "66. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-Parlament jista' jibdel kull waħda mid-dispożizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni",

Imbagħad ukoll jikkwalifika l-voti fuq kull artikolu li l-maġġoranza huma indikati fis-subartikolu (2) ukoll fis-subartikolu (5) tal-istess artikolu 66.

Għalhekk il-fatt li ntalab ir-ruling, illi hawnhekk għandna Mozzjoni ta' Proċedura li hija allegatament, skont it-talba tar-ruling tal-Onor. Robert Cutajar, li hija inammissibbli *stante* li tmur kontra l-iStanding Orders, kontra l-istess Kostituzzjoni u kontra l-Erskine May, li ċertament, ebda waħda minn dawn ma tirriżulta lis-Sedja, anzi tgħid l-ogħla liġi tal-pajjiż, il-Kostituzzjoni tagħti l-poter lill-Kamra tar-Rappreżentanti li tista' tagħmel il-proċedura tagħha u dak kollu li jkun hemm bżonn meta l-iStanding Orders huma silenzjużi, u anke proċedura oħra kif minn żmien għal żmien dejjem kellna Mozzjonijiet ta' Proċedura f'diversi okkażjonijiet matul kull Leġiżlatura. Pereżempju fil-leġiżlatura bejn Mejju 2003 u Mejju 2008, tressqu 20 mozzjoni ta' proċedura. Biżżejjed jiġi nnotat illi saħansitra l-mozzjoni ta' proċedura datata 10 ta' Mejju 2008 kienet tgħid hekk:

> "Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin jipproponi:
>
> Illi matul din il-Leġiżlatura l-Ordni Permanenti Nru 25 – "L-istess mozzjoni ma tistax terġa' tiġi proposta fl-istess sessjoni" - u l-Ordni Permanenti Nru 107 – "L-istess Abbozz ta' Liġi ma għandux jitressaq darbtejn fl-istess sessjoni" - huma sospiżi, flimkien ma' kull provvediment ieħor tal-Ordnijiet Permanenti li jmur kontra din is-sospensjoni."

Dan ifisser li liġi li ma tkunx għaddiet, tista' terġa' tiġi ppreżentata fl-istess leġiżlatura.

Bejn l-2008 u l-2013 tressqu tmien mozzjonijiet ta' proċedura. Bejn l-2013 u l-2017 tressqu 15-il mozzjoni ta' proċedura. Bejn l-2017 u l-2022 tressqu 16-il mozzjoni ta' proċedura u f'din il-Leġiżlatura sal-lum, tressqu tmienja, li waħda minnhom hija din il-mozzjoni li hija suġġett ta' dan ir-ruling.

Bla dubju l-Erskine May huwa kompletament silenzjuż dwar din it-tip ta' proċedura parlamentari li tirrigwarda voti kostituzzjonali kif indikati fl-artikolu 66 tal-Kostituzzjoni tagħna.

Għalhekk, is-Sedja qed tiddeċiedi li l-mozzjoni hi waħda ammissibbli u dan anke konfortata mill-pariri legali.

Ir-ruling huwa deċiż.